MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009

Numru 333/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**versus**

**Noel Philip Zammit**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Noel Philip Zammit ta' 28 sena iben Joseph u Mary nee' Gatt mwieled San Giljan fl-4 ta' Jannar 1976 u residenti May Triq il-Missjoni Taljana Kalkara, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 59676M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn il-21 u 22 ta' Awissu 2004 kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta minghajr awtorizzazzjoni bil-miktub

mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Semghet il-provi bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni

Ikkunsidrat.

Illi l-imputat kemm waqt l-istqarrija kif wkoll meta xehed fuq il-pedana tax-xhieda cahad li kelu l-ecstasy fil-lejl bejn il-21 u 22 ta' Awissu 2004 u li kellu nofs pillola ecstasy.

Zewg pulizija xehdu li 'X'hin avvicinajnieh, deher jarmi xi haga.' (fol 17 u 19).

Fil-fatt kienu marru jaghmlu tfittxija fuq l-imputat u kien dan il-hin li 'deher jarmi xi haga minn idu.'

PS 1220 Chris Baldacchino tbaxxa mal-art fejn sab nofs pillola suspettata ecstasy.

Il-Qorti ghamlet mistoqsija lil PC 272 Kefvin Gauci dwar jekk l-oggett instabx boghod mill-imputat. Ir-risposta kienet 'Le, tahtu.'

L-Ispizjar Mario Mifsud ikkonferma li n-nofs pillola kienet ecstasy.

Fit-trattazzjoni, id-difiza ssottomettiet li kien hemm id-dlam fl-Amazonia u l-post kien mimli nies.

Ghaldaqstant il-pulizija ma kinitx f'posizzjoni li jaraw x'waddab l-imputat.

Il-Qorti gharblet sew dak li xehdu l-pulizija u l-mod kif xehed l-imputat. Bir-rispett kollu, jidher li l-pulizija kienu deliberatament sejrin fuq l-imputat u ghalhekk kellhom

vizwali ffukata sew fuq l-imputat. Ghaldaqstant temmen il-verzjoni tal-pulizija izda mhux ta’ l-imputat. Dawn kienu f’posizzjoni li jaraw x’qed jigri u sabu n-nofs pillola taht l-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-Regolament 3(1) ta’ l-AL 22/1985, kif wkoll l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap 31 ssib lill-imputat hati ta’ din l-imputazzjoni izda stante lid an il-kaz fejn si tratta ta’ nofs pillola biss, il-Qorti flok qed tikkundanna lill-imputat, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sitt xhur millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici. Ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat ihallas 349.09 Euro, hlas tal-ispejjez tal-espert.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------